# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 27/12/1 MH**

**Amanda Bilocca**

**v.**

**1. Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**2. Dr.Mukola Katrich**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-imħarrkin Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Mukola Katrich, kif ukoll appell inċidentali tal-attriċi Amanda Bilocca, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet l-

eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrkin, żammithom solidalment responsabbli għad-danni mġarrba mill-attriċi Amanda Billocca, u wara li llikwidat id-danni mġarrba mill-istess attriċi fis-somma ta' €18,726.30, ikkundannat lill-imħarrkin sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi dik is-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet mid-data ta' dik is-sentenza, u dan flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża;

2. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi mill-provi jirizulta u dana mhux kontestat nonostante li fil-fatt ma giex esebit il-file mediku komplet ta' l-attrici Amanda Bilocca illi dina fuq suggeriment tal-kirurgu Mr. Schembri stante li kienet tilmenta minn ugiegh f'zaqqha, ghamlet gewwa Mater Dei ultra sound liema test gie maghmul liha mir-radjologista l-intimat Mukola Katrich. Kif gia rajna huwa kkonkluda li l-attrici kienet sofferenti ta' Chronic calculous cholecystitis. L-stess rapport jindika illi ghalhekk lil gall bladder ta' l-attrici kien mimli gebel (gallstones). Dan l-ezami sar fl-4 ta' Ottubru, 2010.*
>
> *Jirrizulta ukoll lil kirurgu Mr Schembri fuq tali rapport ta parir lil attrici li kellha tipprocedi bil-kirurgija hekk imsejha laparoscopy. L-attrici fehmet li dina kienet operazzjoni zghira li kient tinvolvi qasma zghira, keywhole* (sic)*, biex b'hekk titnehhielha l-marrara. Ghalhekk hija dahhlet l-isptar kif kien lilha indikat fl-10 ta' Dicembru 2010 biex issirilha l-istess operazzjoni indikata.*
>
> *Jirrizulta, u anke dan mhux kontestat illi fil-kors ta' l-istess kirurgija, l-kirurgu Mr Schembri ma sabx il-marrara skont kif indikat fir-rapport suriferit wisq anqas sab jew hass il-gallstones hekk indikati, bir-rizultat illi l-operazzjoni hadet tul ta' erba' sieghat kif ukoll li l-kirurgu ghax ma sabx skontu dak indikat fir-rapport ghazel li jiftah zaqq l-attrici u jaghmel investigazzjonijiet ulterjuri anke bl-ghajnuna ta' konsulenti specjalisti ohra.*
>
> *Konsegewentement l-attrici spiccat minflok b'dak li kellha tkun lezjoni zghira fuq zaqqha, dik ta' keyhole surgery, b'ticrita ta' seba centimetri li halliet fuqha l-effetti hawn fuq esposti.*
>
> *Ikkunsidrat;*

***- Relazzjoni peritali***

*Kif inghad fis-sentenza "**Richard Falzon vs Construct Furniture Limited**" (Prim'Awla Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m'hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova. ("**John Saliba -vs- Joseph Farrugia,**" Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**," Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001).*

*Skont **l-Artikolu 681, Kapitolu 12**, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi :-*

> *"Dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("**Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine**", Appell, 29 ta' Mejju 1998).*

*Anzi gie wkoll sewwa ritenut illi:*

> *"F'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-dispozizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" – "**Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine**", Appell, 9 ta' Frar 2001."25.*

*Enuncjati dawn il-principji din il-Qorti a priori tiddikjara illi hija m'ghandha ebda raguni ghala tisskarta l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti addizzjonali u konsegwentement taghmil taghha in toto l-istess.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*-**L-ewwel eccezzjoni** mressqa mill-intimati hija dik li t-Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli biss ghal culpa in eligendo u culpa in vigilando u ghalhekk li m'ghandux jirrispondi ghal ebda dannu reklamat in kwantu dan ma sehhx b'tort jew nuqqas tieghu.*

*Dwar din l-allegata responsabilta' nsibu varji zvillupi gurisprudenzjalii.*

*Ghalhekk inghad illi fil-kaz ta' kritika adottata f'sistema ta' sptar non si trattat ta' culpa in eligendo, dan kif gie ben stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut vs Chief Government Medical Officer*** *deciza fit 12 ta' Ottubru, 2006 fejn in kritika tas-sistema adotatta fl-isptar kuranti wara operazzjoni, il-Qorti qalet dan:*

*... omissis …*

*Dan il-hsieb ta' obbligu kwazi kontrattwali gie anke addottat mill-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet* ***Vincent u Mary Gauci vs It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr. Albert Feneh M.D. FRCP*** *deciza 23 ta' Ottubru, 2013. Hawn si trattata wkoll ta' kawza ta' operazzjoni angioplasty li ma rnexxietx. Din is-sitwazzjoni tqarreb ghalhekk aktar lejn dik in ezami in kwantu l-kontraditorju huwa wkoll dirett lejn tabib in partikolari, f'dan il-kaz il-kirurgu n kwistjoni kif jindika l-istess isem tal-kawza. Jinghad anzi li hawn il-Qorti marret oltre dak stabbilit fis-sentenza ta' l-appell appena citata. F'sentenza ferm studjata l-Qorti qalet dan:*

*... omissis …*

*Dan il-kuncett ta' responsabilta' kontrattwali gie mhaddan ukoll mill Prim Awla f'sentenza ohra moghtija fit-30 ta' April, 2013 fl-ismijiet* ***Joseph Micallef vs Dr.Ivan Vella u Dr Josie Muscat MD in rappresentanza tas-Summit Eye Laser Clinic u St.James Health Centre*** *qalet (in ezami ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni):*

*... omissis …*

*Insibu wkoll illi lanqas ma gie eskluss illi ir-responsabilta' in ezami tista tkun wahda konkorrenti, dik kontrattwali u dik naxxenti mill kwazi delitti. Dan gie rimarkat mill-Prim Awla f'decizzjoni fl-ismijiet* ***Venere Falzon vs Marcello Stella*** *datata 9 ta' Lulju, 2015, il-Qorti qalet dan:*

*... omissis …*

*Imhaddan dan it-taghlim, il-Qorti tqis illi in kwantu l-ezami dibattut u cioe s-CT Scan sar gewwa Mater Dei, li r-radjografu jaqa' taht l-awtorita' ta' l-istess sptar u in kwantu l-attrici u zewgha kienu kontribwenti bit-taxxi, indirettament allura anke lejn din l-istruttura ta' l-isptar, ghalhekk ir-relazzjoni naxxenti bejn pazjent u it-Tabib Principali tal-Gvern u allura anke l-impjegati tieghu, hija regolata mill-istitut tal-kuntratt. Illi ghalhekk l-eccezjonijiet mressqa taht il-culpa in eligendo u culpa in vigilando ma jiccentraw xejn fil-kwistjoni in dezamina u ghandha tigu michuda.*

*Illi pero ghal grazzja ta' l-argument kieku biss hawn si trattat ta' sitwazzjoni ta' kwazi delitt allura l-Qorti taghmel referenza ghal dak li*

*skontha ghandu jirregola ir-reponsabilta' tad-datur tax-xoghol in konfront ta' l-impjegat tieghu, inghad fil-kamp ta' din ir-responsabbilta' mill-Qorti ta' l-Appell illi "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabilta' ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi" (***Grech v. Kummisaarju tal-Pulizij***a deciza minn din fl-1 ta' Marzu 1988 u dik fl-ismijiet* ***Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et,*** *deciza il-Qorti, Sede Inferjuri fit-30 ta' Novembru, 2010). (Mhux fil-fatt ikkontestat illi l-intimat jahdem fi hdan l-istess Sptar allura taht il-mansjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern).*

***Illi konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni mressqa.***

***It-tieni eccezzjoni da parti ta' l-intimat Dr. Mukola Katrich hija fis-sens illi huwa ghamel minn kollox skont is-sengha u l-arti u li r-rapport illi ghamel ghamlu b'attenzjoni kbira kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti.***

*Illi tenuti l-principji hawn fuq enuncjati, jekk jirrizulta ness bejn id-dannu subit minn Amanda Bilocca u l-operat dirett tal-konenvut Mukola Katrich allura huwa ghandu jirrispondi wkoll ghall istess. Illi fid-decizzjoni fl-ismijiet "Anthony Zerafa vs Joseph Sacco" (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-azjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' u ghall-hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi damnum emergens u lucrum cessans inkluz f'kaz ta' disabilta' permanenti dak stipulat fl-artikolu 1045"*

*Illi jirrrizulta nkontestat illi il-kirurgu Mark Schembri ddecieda li jopera lill-attrici Amanda Bilocca wara li ezamina u ra ir-rizultat ta' ultra sound presentat lilu u mahrug minn Dr. Mukola Katrich. Kif gia rrizulta dana ta stampa li l-attrici kienet sofferenti ta' shrunken Gall Bladder filled with stones. Tant kien konvint minn dina id-djanjosi l-istess Katrich illi ta anke qies ta' CBD cioe tal-common bile duct biex issahhah it-tezi tieghu u wassal biex ikkonkluda lli Amanda Bilocca kienet sofferenti ta' Chronic calculous cholecystitis.*

*Illi l-konsegwenzi ta' din id-djanjozi gew hekk espressi fir-rapport peritali addizzjonali:"Illi ir-radjologista Dr.Geoffrey Sant jghid hekk fil-parti tar-relazzjoni tal-periti addizzjonali koncernanti l-ispecjalizazzjoni tieghu: "The images show echogenic areas with distal attenuation of the ultrasound beam but no image of the gall bladder was present. To diagnose a contracted gall bladder the wall of the gall bladder would have to show up as a thickened structure of more than 3 mm in thickness as 3 mm thickness is normal and 4mm or 5mm thickness*

*would be the thickness of a shrunken gall bladder **. In the images that I saw there is no trace of a thickened gall bladder wall.** (Enfasi ta' din il-Qorti)*

*The echogenic shadows which were mistaken for gall stones were in fact gas in the duodenum. The configuration or lineup of the echogenic shadows is C shaped more in keeping with the position of the duodenum. Also the length of the lineup of the echogenic shadows is too long and one would expect that in a contracted gallbladder the stones would be more crowded and not spread over a long distance. Peristalsis, that is contraction of the bowel, if noted would have indicated that what was thought to be a gallbladder was in fact bowel." (fol 110)*

*Dan l-espert ghalhekk ikkonkluda illi d-djanjozi ta' "chronic calculus cholecystis" kienet wahda zbaljata; "In view of the above the conclusion of a 'chronic calculus cholecystitis' was wrong." (fol 111)*

*Illi l-Qorti gia espremiet il-fehma taghha illi m'ghandha xejn xi tbiddel minn dak konkluz mill-esperti nominati. Ir-raguni li ta il-konvenut it-tabib Mukola fix-xhieda tieghu biex jiggustifika l-izball hija dghajfa. Gialadarba jidher li kien hemm problema biex jara il-gall bladder imissu qatt ma azzarda djanjozi bil-konsapevolezza u konsegwenza ta' operazzjoni sussegwenti li ma setghet qatt tirnexxi fl-assenza ta' dak imfittex. Anke jekk huwa koncess kif ighidu l-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li din hija kundizzjoni ferm rara (fol 155). Tfakkar hawn il-Qorti illi l-istess attrici fl-affidavit taghha tghid li l-istess tabib radjologu kien mill-ewwel saqsieha jekk kienetx ghamlet operazzjoni biex tnehhi l-marrara (fol 36). Dana kollu jinghad aktar u aktar meta hu stess semma aktar mezzi ad disposizzjoni ghal ezamijiet ulterjuri bhal MRI u Tomography (Xhieda fol 139), li setghu jghinu fl-investigazzjoni u jikklarifikaw kull dubbju. Ma kienx ghaqli minnu li jazzarda konklussjoni meta ma setax qatt jara gall bladder ghax dana kien mankanti fil-pazjenta l-attrici.*

***Illi konsegwentement il-Qorti tichad ukoll it-tieni l-eccezzjoni mressqa.***

***Talba ghad-danni***

*L-artikolu 1045 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li "il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

*Fis-sub-artikolu (2) insibu li "Is-somma li ghandha tiġi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-*

*kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

*Ghal dak li huma dannu emergenti, mhaddna il-principji stabbiliti mill-Qrati taghna, din il-Qorti m'ghandha ebda diskrezzjoni in kwantu ghal tali risarciment, cioe dak konsistenti f'telf finanzjaraju kagun ta' spejjez inkorsi mill-attrici minhabba l-hsara lilha ikkaġunata, allura anke kura medika u medicini relattati, kif ukoll ghal telf ta' qliegh attwali hekk relatati. (Appell Ċivili* ***Darren Sammut vs Eric Zammit:*** *03.12.04).*

*In segwitu ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta (fol 13), l-attrici presentat nota li biha indentifikat dak li skontha kienu d-danni inkorsi kemm bhala damnum ermergens kif ukoll lucrum cessams. (fol 14).*

*Illi l-ammont pretiz reklamat bhala dannu emergenti mill-operazzjoni huwa kif jirrizulta mid-dokument AB1 ammontanti ghal €436.08 "rappresentanti spejjez ta' medicinali u kura ohra medika mehtiega wara l-intervent" (fol 14). L-ircevuti annessi mad-dokument imsemmi (fol 16-18) ma gew qatt konfermati bil-gurament mill-attrici, pero lanqas per se ma gew ikkontestati mill-konvenuti.*

*Illi pero nonostante cio, in kwantu dak li jirrizulta mix-xhieda mressqa, riferibbilment ghal-involiviment tal-kirurgu Mr. Mark Schembri, l-ircevuta mahruga mid-ditta Health Services (fol 16) u li ggib id-data ta' 06/01/11, allura ftit xhur wara l-intervent kirurgu, ricevuta mahruga mill-istess kirurgu, fl-ammont ta' hamsa u erbghin ewro, € 45, hija acetabbli ghal Qorti bhala prova ta' l-ammont fiha reklamat. Pero l-ircevuti l-ohrajn, ukoll kopji, pero ta' kwalita' fqira, ma hijhomx bizzejjed indikattivi jew jaghtu xi informazzjoni cara ta' dak mixtri u l ghaliex. Il-Qorti tista tifhem u tara li dawn huma spejjez medicinali, pero kif gew lilha presentati huma prova fqira u xejn cara ta' hekk. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux se tqieshom ghal komputazzjoni ta' damnum emergens.* ***Ghaldaqstant l-ammont li fil-fehma tal-Qorti gie pruvat lilha bhala damnum emergens kien ta' hamsa u erbghin ewro, €45****.*

*Fl-istess nota imsemmija (fol 14), l-attrici ghal fini ta' likwidazzjoni tal-lucrum cessans, prezentat il-karta ta' l-identita' taghha, DokAB2 (fol 19 u 20), kopja tal-FS3 tas-snin 2009, 2010 u 2011, dawn bhala Dok AB3 (fol 21), fost dokumenti ohrajn. Presentat ukoll bhala Dok AB (fol 124), AB2 (fol 125), AB3 (fol 126) u AB4 (fol 127), li huma l-profits and loss Account tan-negozzju li hi tmexxi ma zewgha, l-ewwel tlett dokumenti huma dawk li jigu annessi mal-Income Tax Return, dawn ghas-snin 2012, 2013, 2014.*

*Ikkunsidrat;*

*Fis-sistema nostrali, fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' dawn id-danni, dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (lucrum cessans), insibu varji zviluppi fil-gurisprudenza lokali. A kontrarju ta' dak li ntqal fil-konfront tad-*

*damnum emergens, hawn, u dan jirrizulta anke mill-qari nnifsu ta' l-artikolu 1045, il-Qorti tgawdi certa diskrezzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-istess.*

*Fil-kaz ricenti fl-ismijiet* ***Joseph Zammit vs Joseph Bonello*** *deciz fil-25 ta' Frar 2016 (Rik Gur 836/01LSO) din il-Qorti diversament preseduta elaborat b'mod elokwenti l-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:*

*... omissis ...*

*Ikkunsidrat;*

*Illi kif gia nghad l-attrici waqfet tahdem mal Baxter u bdiet tghin lil zewgha fin-negozzju ta' zewgha (Emilio Bilocca Handyman Services). Mill-FS3 esebiti jidher li hadmet f'dan l-impieg mal-Baxter sas-sena 2011. (fol 23) Ma ingabitx prova minn naha taghha ta' qliegh li hija qed tippercepixxi minn n-negozzju tal-familja. Lanqas ma jirrizulta li hi formalment impjegata fi hdan l-istess. Il-prova li ngabet fil-konfront tan-negozzju hekk gestit kienet kif gia intqal il-profit and loss accounts ta' l-istess li jigu annessi mal income tax return ta' Emilio Bilocca, zewgha. Pero fil-fatt l-attrici setghet kienet tahdem biss bhala mara tad-dar u xorta kien ikollha driitt ta' kumpens ghad-danni lucrum cessans dana kif gie ben stabilit fil-gurisprudenza nostrali (****Helen Vella vs Monica Compagno****; 30.10.15 P.A). Multo magis allura haqqa kumpens ghal telf, ciononostante nuqqas ta' impieg formali, meta hi qeghda bla dubbju ta' xejn tikkontribwixxi biex jitkattar in-negozzju imsemmi. Certament in segwitu ghal principji ennuncjati fil-gurisprudenza taghna, l-attrici ghandha dritt ghal kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghat-telf ta' qliegh li hi se soffri.*

*Fin-nota ta' sottomisjonijiet ta' l-attrici l-Qorti giet mistiedna illi tqies nofs il-qliegh percepit minn zewgha minn negozzju imsemmi, bhala qliegh annwali taghha.*

*Terga' ssostni l-Qorti li ghalkemm huwa ferm tenibbli u veritjier dak mitqal mill-attrici fl-ghajnuna li hija taghti f'dan in-negozzju, u ghalkemm verament nofs il-qliegh jibqa taghha nkwantu parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti(diviza) dejjem jekk ezistenti bejn il-konjugi Bilocca, pero dan ma jfissirx li dana ghandu jkun meqjus bhala l-qliegh annwali taghha. L-ammont ta' €55,000 huwa qliegh li zewgha jaghmel minn dan in-negozzju u jirrispondi hu biss ghalih.*

*Illi ghalhekk biex tasal ghas-somma meqjusa bhala idoneja bhala bazi tas-somma li tirrapresenta l-qliegh ta l-attrici tul dawn is-snin, il-Qorti se tiehu l-average tal-paga li l-attrici kienet tippercepixxi ghas-snin 2010 u 201154 minn mal Baxter, cioe l-ahhar li hadmet ma' l-istess dan jaghti ir-rizultat medju ta' mija u sebghin ewro (€170.00) fil-gimgha (Skont FS3 presentati). Il-Qorti ghalhekk se timultiplika din is-somma bi tnejn u hamsin (52) imbghad bit-tnejn (2) biex tkopri dawn is-sentejn*

*li jaghti rizultat ta' sbabatx il' elf sitt mija u temnin ewro €17,680. B'zieda ma dan ghas-snin 2012, 2013, 2014 2015 (Dok AB1 sa AB4) 2016 l-Qorti tqies arbitrio bono viri illi l-attrici bil-kontribut taghha ghan-negozzju gestit minn zewgha ghandha tinghata bhala qliegh is-somma annwali ta' sittax il-elf Ewro €16,000; dana jaghti s-somma globali ta'€80,000. Ghalhekk il-qliegh ta' l-attrici mid-data ta'l-incident ghal dawn l-ahhar sitt snin huwa kkalkolat ghas-somma ta' €97,680.*

*Illi stabbilita din is-somma ssegwi ukoll li minhabba li l-istess trid tkopri incidenzi bhal gholi tal-hajja u l-purchasing power tal-valuta legali fil-futur, allura din is-somma ghandha tiġi aggustata bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) kif suriferit fil-giudizzju l-ahhar citat. Dan jammonta ghas-somma globali ta' €99,633.6*

*Dwar il-multipler li ghandu jigi adottat, il-Qorti qieset l-eta ta' attrici fiz-zmien l-operazzjoni u cioe dak ta' 31 sena qieset ghalhekk lil multiplikant idoneju ghandu jkun dak ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Kif gia gie stabbiliti l-percentagg ta' dizabilta' accetat mill-Qorti huwa dak ta' 5%.*

*Jibqa' biex jigi kkalkulat deduzzjoni li ghandu ssir in vista tal-pagament lump sum li se tircievi l-attrici, somma li kif inghad tista tiġi aktar imkattra anke bi investimenti opportuni. Dan huwa fattur li m'ghandhux jigi traskurat biex b'hekk jintlahaq bilanc ekwittativ bejn id-danneggjat u r-responsabbli. Maghduda l-fatti kollha esposti, l-eta ta' l-attrici, it-tul tal-kawza, mis-sena 2012, (sentejn ukoll mohlija biex jinsab qbil fuq il-periti addizzjonali, ghalkemm mhux b'xi tort ta' l-attrici), tenut kont ukoll tas-sena li fiha sehhet il-kirugija, (2010) il-Qorti tqies idoneju li tali tnaqqis ghandu jkun ta' 10%. (Ara per eżempju* ***Kyle Saliba vs John Borg et.*** *deċiża mill-Prim' Awla 23.10.15).*

*Ghaldaqstant is-somma likwidata bhala lucrum cessans ghandha tinhaddem;*

*€16,605.6 (Is-somma globali diviża b'sitt snin) fis-sena x 25 sena (multiplier) = €415,140 x 5% (disability)= €20,757-10% (lump sum payment u tul ta' kawza) =* ***€18,681.30***

*Tqies ghalhekk illi l-lucrum cessans spettanti lill attrici ghandu jkun fl-ammont ta'* ***€18,681.30****. Maghdud dan mas-somma konstatata bhala damnum emergens jaghti somma globali ta'* ***€18,726.30***

*Tqies ukoll il-Qorti lli z-zewg konvenuti ghandhom solidament bejniethom ikunu responsabbli ghad-danni likwidati. Kif inghad fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005, fil-kawza* ***Kevin Mifsud v. Sparkasse Bank Malta p.l.c. et****....*";

3. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern u Dr. Mukola Katrich (minn issa 'l

hemm imsejħin bħala "l-appellanti") ħassewhom aggravati mill-imsemmija sentenza u, għar-raġunijiet li tfissru f'rikors tal-appell imressaq minnhom fil-15 ta' Mejju, 2017[1], talbu lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017), in kwantu tillibera lill-esponenti appellanti minn kull tip ta' responsabbiltà allegata kontrihom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata*";

4. Fit-tweġiba tagħha għall-imsemmi appell imressqa fil-25 ta' Mejju, 2017[2], l-attriċi Amanda Bilocca filwaqt li ressqet għadd ta' raġunjiet sabiex tfisser għalfejn l-aggravji tal-appellanti mhumiex mistħoqqa, inqdiet bl-istess tweġiba sabiex ressqet appell inċidentali mis-sentenza appellata li bih, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbet lil din il-Qorti sabiex: "*waqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel talba tagħha u sabet liż-żewġ intimati solidalment responsabbli għad-danni subiti minnha minħabba ħtija, nuqqas professjonali, neliġenza, imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' tħaris ta' tar-regolamenti, tirriformaha fejn illikwidat d-danni fis-somma totali ta' €18,726.30 u kkundannat lill-intimat[i] [j]ħallsu din is-somma, billi tħassar dan l-ammont hekk likwidat għar-raġunijiet premessi u minflok tillikwida danni aktar korretti kif komputati fis-somma ta' €35,987.24 u konsegwentement tikkundanna lill-intimati solidalment*

[1] F'paġni 255 sa 274 tal-proċess.
[2] F'paġni 276 sa 282 tal-proċess.

*iħallsu l-ammont ta' €35,987.24, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati*";

5. L-imħarrkin laqgħu għall-appell inċidentali billi, bi tweġiba mressqa minnhom it-tnejn flimkien fit-12 ta' Ġunju 2017[3], fissru għalfejn l-aggravji tal-attriċi mhumiex mistħoqqa, u li b'hekk l-appell inċidentali jistħoqqlu li jiġi miċħud;

6. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu, u semgħet li l-avukati tal-partijiet ma kellhom xejn xi jżidu mal-atti tal-appell[4], kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat**:*

7. B'dawn il-proċeduri, Amanda Bilocca qiegħda tfittex lill-imħarrkin għad-danni, minħabba diżabbiltà permanenti li qed tgħid li ġarrbet wara intervent kirurġiku li sarilha għal xejn b'xejn fuq parti minn żaqqha fl-Isptar *Mater Dei*, u dan b'riżultat ta' dak li hija tqis bħala żball professjonali tal-konsulent radjologu Dr. Mukola Katrich, li huwa wkoll impjegat fl-istess Sptar *Mater Dei*;

8. Billi l-imħarrkin ma qablux mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel

[3] F'paġni 284 sa 286 tal-proċess.
[4] Ara l-verbal tas-smigħ li nżamm quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Mejju, 2022.

Qorti, dawn qegħdin issa jappellaw mis-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' għadd ta' aggravji li, meta moqrija flimkien, qed iwasslu lill-Qorti biex tifhem li, essenzjalment, huma qed jikkontestaw il-konklużjonijiet tas-sentenza appellata sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni tas-sejbien tar-responsabbiltà u l-eżistenza tad-danni. Tabilħaqq, l-ilmenti kollha tal-imħarrkin jistgħu jinġabru taħt **tliet irjus jew aggravji** u sewwasew:

(i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lill-appellant Tabib Prinċipali tal-Gvern, illum l-Uffiċjal Mediku Ewlieni, responsabbli għad-danni;

(ii) li l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha issib lill-appellant Mukola Katrich ħati ta' xi nuqqas fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tiegħu u li fis-sejbien tat-tali ħtija, l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi; u

(iii) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida d-danni, u dan fuq il-bażi ta' nuqqas ta' provi;

9. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl-appell inċidentali, l-attriċi qiegħda tilmenta li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida d-danni f'somma aktar ġeneruża, u dan kemm sa fejn għandu x'jaqsam mad-*damnum emergens* (ħsara diretta) kif ukoll mal-*lucrum cessans* (telf ta' qligħ);

10. Peress li l-ewwel ħaġa li trid tiġi stabbilita f'tilwimiet ta' din ix-xorta hija l-kwistjoni tar-responsabbiltà, u mingħajr ir-responsabbiltà ikun kollu ta' xejn li wieħed joqgħod jara jekk hemmx danni u kemm huma, il-Qorti ser tibda billi, l-ewwel ħaġa, tqis l-ilmenti tal-appellanti sa fejn għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà tat-tabib Dr. Mukol Katrich u dik tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

***A. L-Ilmenti Dwar is-Sejbien ta' Responsabbiltà min-naħa tar-Radjologu Dr. Mukol Katrich***

11. Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ilmenti **dwar is-sejbien ta' responsabbiltà min-naħa tar-radjologu Dr. Mukol Katrich**, l-imħarrkin filwaqt li qed jinsistu li dan ma kiser l-ebda '*standard*' ta' kura u mexa skond il-prattiċi mediċi stabbiliti u jżidu jargumentaw li, bil-fatt waħdu li dan ir-radjologu interpreta ħażin dak li deher fuq l-'*ultrasound*', m'għandux ifisser li huwa kien negliġenti jew traskurat f'xogħlu;

12. F'dan il-qafas, l-appellanti jagħtu għadd ta' raġunijiet sabiex ifissru kif u għalfejn l-Ewwel Qorti naqset milli tqis jew inkella apprezzat ħażin għadd ta' fatturi li, meta meħuda flimkien, kellhom iwassluha għal konklużjoni u fehma differenti. Fost dawn ir-raġunijiet isemmu li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tqis li l-appellant Dr. Mukol Katrich kellu xi problema jew diffikultà biex jara l-marrara tal-attriċi u f'dan ir-rigward, filwaqt li

jilmentaw li t-tali konklużjoni mhijiex imsejsa fuq il-provi, jissottomettu li bil-kuntrarju ta' dak li qieset l-Ewwel Qorti, l-imħarrek Dr. Katrich "*irraporta l-ħxuna tal-marrara bħala 4mm*". Jargumentaw li meta wieħed iqis dan il-fatt flimkien ma' fatturi oħrajn bħal pereżempju: (i) li l-attriċi kienet qed tbati minn sintomi fiżiċi li huma konsistenti ma' ġebel fil-marrara; (ii) li l-attriċi eskludietlu li hija kienet għamlet xi operazzjoni li biha neħħiet il-marrara; u (iii) li mil-letteratura medika li rreferew għaliha bosta xhieda jirriżulta li l-kundizzjoni li wieħed jitwieled mingħajr marrara hija rarissima, ir-radjologu Dr. Katrich seta' raġonevolment jasal għall-konklużjonijiet li wasal għalihom. Ifissru li f'ċirkostanzi bħal dawn, Dr. Katrich ma kienx mistenni li jwettaq testijiet oħrajn fuq l-attriċi u dan għaliex tabib mhux mistenni li jfittex dak li hu remot u rari, iżda huwa 'mgħallem' sabiex jibda billi l-ewwel jelimina l-aktar kawżi komuni: hekk kif ġara f'dan il-każ. Jissottomettu li kull darba li t-tabib jew radjologu jagħmel dijanjosi u jasal għal xi konklużjoni, dan ikun qiegħed effettivament jieħu riskju kkalkulat, u dan għaliex, fi kliemhom, il-mediċina mhijiex xi xjenza preċiża u għalhekk wieħed irid japprezza li jista' jkun hemm xi varjabbli rari li xi drabi jafu jiżvijaw lill-professjonist mediku;

13. Jissoktaw billi jgħidu li, f'dan il-każ, ma nġabu l-ebda provi li l-appellant Katrich naqas milli jimxi ma' xi prattika medika stabbilita, u f'dan ir-rigward jissottomettu li kienet żbaljata għal kollox il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li huwa ma kienx għaqli biżżejjed jew inkella negliġenti talli

azzarda jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha. Hekk ukoll, jgħidu li lanqas ma nġabet xi prova ta' xi prattika medika stabbilita li titlob li, wara t-test tal-'*ultrasound*', għandhom bilfors isiru testijiet oħrajn. Fid-dawl ta' dan, jisħqu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tiddeċiedi hi stess x'kellu jsir fiċ-ċirkostanzi, u dan għaliex hija l-professjoni medika biss li tistabbilixxi l-prassi medika. Filwaqt li jargumentaw li wara l-fatt, kulħadd huwa għaref, jinsistu li f'każijiet bħal dawn, ix-xilja tan-negliġenza medika għandha tkun mistħarrġa billi l-Qorti tqis x'kien jagħmel speċjalista ieħor li kieku sab ma' wiċċu l-istess ċirkostanzi li jkun sab ruħu fihom il-professjonist mixli b'negliġenza. F'dan il-qafas, jirreferu għax-xhieda tar-radjoloġista Dr. Salvina Zrinzo li waqt il-kawża kkonfermat li, mir-ritratt li rat, hija kienet probabbilment tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-appellant Katrich. Iżidu li, mix-xhieda ta' din, jirriżulta wkoll li pazjenti bis-sintomi bħalma kellha l-attriċi ma jqajmux dubju dwar l-eżistenza tal-marrara, u li d-dijanjosi tan-nuqqas ta' marrara fil-ġisem, ħafna drabi ssir waqt laparoskopija jew laparotomija, jew inkella saħansitra waqt awtopsja;

14. Ilment ewlieni ieħor tal-appellanti huwa mbagħad dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti 'qagħdet għal kollox' fuq il-konklużjonijiet tar-rapport ta' l-espert mediku addizzjonali Dr. Godfrey Sant, u 'skartat' il-fehmiet tekniċi tal-espert mediku l-kirurgu Charles Swain. Jargumentaw li Dr. Godfrey Sant naqas milli jirrelata b'mod oġġettiv u, filwaqt li jgħidu li dan naqas

milli jqis iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jilmentaw li Dr. Sant wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq il-benefiċċju tal-għarfien li diġà kellu. Jissottomettu li dak li kien mistenni minn Dr. Sant bħala espert mediku addizzjonali, huwa li 'jilbes iż-żarbun' tal-appellant Katrich u li jgħid x'kien jagħmel dak il-ħin li kieku huwa sab ma' wiċċu l-istess ċirkustanzi li kellu quddiemu l-imsemmi appellant. F'dan ir-rigward, jilmentaw li Dr. Sant naqas għal kollox milli jagħmel hekk, u jżidu li dan injora wkoll għal kollox ir-rapport tal-appellant Dr. Katrich, li fih tfisser li "*l-ħxuna tal-marrara kienet attwalment 4mm*"*.* Bi tkomplija ma' dan, jissottomettu li fejn l-espert mediku addizzjonali 'naqas milli jiggwida' lill-Ewwel Qorti, dik il-Qorti setgħet faċilment toqgħod fuq il-fehma medika tal-espert mediku Swain li, fi kliemhom, kien ikkonferma kif it-testijiet addizzjonali jsiru wara l-intervent kirurġiku u mhux qabel, u li b'hekk Dr. Katrich ma kiser l-ebda '*standard*' li huwa aċċettat fil-prattika medika. Iżidu li, fuq kollox, lanqas l-espert radjoloġista addizzjonali (Dr. Sant) ma ssuġġerixxa li messhom saru testijiet oħrajn fuq l-attriċi appellata qabel l-intervent kirurġiku li sarilha, u jtennu li ma nġabet l-ebda prova li turi kif l-appellant Katrich kien obbligat li jwettaq testijiet oħrajn qabel dak l-intervent. Fid-dawl ta' dan, jissottomettu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li t-testijiet kellhom isiru qabel l-intervent mediku, u mhux 'kif stabbilit xjentifikament', wara l-intervent. Jagħlqu mbagħad billi jgħidu li imbilli jkun hemm żewġ fehmiet mediċi differenti dwar l-istess każ, dan ma jfissirx li t-tabib konċernat ikun ħati ta' negliġenza għaliex mexa fuq fehma medika partikolari u mhux fuq

oħra;

15. Il-Qorti wara li għarblet l-argumenti kollha tal-appellanti sa fejn għandhom x'jaqsmu dwar in-nuqqas ta' responsabbiltà ta' Dr. Katrich, u dan kemm fid-dawl ta' dak li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas tal-argumenti mressqa mill-attriċi u l-konsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, tqis li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex fejjieda;

16. Jibda billi jingħad li f'dan il-każ hemm provi aktar minn biżżejjed fl-atti tal-kawża li juru kif hemm rabta diretta bejn id-dijanjosi tar-radjografu appellant Katrich u l-intervent kirurġiku li dwaru qed tilmenta l-attriċi. M'hemmx kontestazzjoni li kien Dr. Katrich li, wara eżami bil-mezz tal-'*ultrasound*' ikkonkluda li l-attriċi kienet qiegħda tbati minn kundizzjoni msejħa bħala "*chronic calculous cholecystitis*" jew, fi kliem aktar sempliċi, minn ġebel fil-marrara[5]. Lanqas m'hemm xi kontestazzjoni li kien sewwasew minħabba din id-dijanjosi 'inekwivoka' ta' Dr. Katrich li l-konsulent tal-kirurġija Mark Schembri ddeċieda li l-attriċi kellha bżonn operazzjoni biex titneħħielha l-marrara flimkien mal-ġebel miġmugħ ġewwa fiha[6]. Hekk ukoll, jirriżulta li kien fuq il-saħħa tal-istess konklużjoni ċara ta' Dr. Katrich, li l-kirurgu Schembri ħa d-deċiżjoni li jċarrat lill-attriċi wara li huwa ma setax isibilha l-marrara bl-intervent '*keyhole*' li, fi kliem

---

[5] Ara r-rapport ta' Dr. Katrich, 'Dok A', mehmuż mar-rikors promotur, f'paġna 4 tal-proċess.
[6] Ara l-'*incident report'* tal-kirurgu Dr. Mark Schembri, 'Dok X' f'paġna 56 tal-proċess, kif ukoll x-xhieda ta' Dr. Mark Schembri, f'paġna 54 u 55 tal-proċess.

aktar tekniku, huwa magħruf bħala '*laparoscopic cholecystectomy*'[7]. Wisq anqas li hemm xi dubju li dan l-intervent kirurġiku sar fuq l-attriċi għalxejn u dan għaliex, kemm waqt l-intervent kirurġiku[8] u kif ukoll wara[9], ħareġ li l-attriċi mhux talli ma kellhiex ġebel iżda saħansitra lanqas kellha marrara. L-iżball fid-dijanjosi min-naħa ta' l-appellant Katrich huwa għalhekk bil-wisq evidenti;

17. Għalkemm l-appellanti għandhom raġun meta jgħidu li mhux kull żball fl-interpretazzjoni ta' fatti kliniċi għandu jwassal lill-professjonist mediku għall-ħtija ta' traskuraġni u għar-responsabbiltà tal-ħlas tad-danni[10], madanakollu dawn ma jistgħux jinsew li jekk il-professjonist mediku jasal għall-ġudizzju żbaljat minħabba li ma jkunx stħarreġ il-każ kif imissu, u jonqos milli jħaddem l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja[11], dak il-professjonist mediku għandu jiġġiegħel jerfa' r-responsabbiltà u jbati l-konsegwenzi ta' għemilu[12]. Filwaqt li huwa wkoll minnu li l-professjonist mediku m'huwiex mistenni li juri xi grad ogħla ta' diliġenza, dan però għandu minn tal-anqas juri dak il-grad ta' diliġenza

---

[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.* Ara wkoll il-'*Case Summary Report*', 'Dok AB4', f'paġna 26 tal-proċess.
[9] Ara r-rapport ta' Dr. Martin Schranz 'Dok Y', f'paġna 58 tal-proċess, u r-rapport tal-'*HIDA Scan*', 'Dok AB4', f'paġna 28 tal-proċess.
[10] Ara ***Joseph Micallef v. Dr. Ivan Vella MD et.*** deċiża wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**30 ta' April, 2013** (Ċit. Nru. 1951/1997/1MCH) (mhux appellata).
[11] Art. 1131 tal-Kap. 16.
[12] *Ibid*. Ara wkoll ***Vincent Gauci et. v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**28 ta' Ġunju, 2019** (App. Ċiv. 774/2002). F'din is-sentenza tal-aħħar, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għamlet referenza lejn l-awtur **Giorgi** li f'paġna 155 (Vol. V) tal-opra tiegħu '***Delle Obbligazzioni'*** ifisser li: "*Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi la esercita. … È scusabile soltanto quella fallibiltà che è conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti.*".

'normali' li wieħed jistenna minn professjonist tal-affari tiegħu. Tabilħaqq, ingħad kemm-il darba li l-'għaqal' tal-professjonist mediku "*jitkejjel fuq l-attenzjoni li jrid juri professjonista meqjus u attent li jagħti s-servizz tiegħu b'attenzjoni skrupluża, tħejjija professjonali xierqa u l-għarfien tal-aħjar teknika aġġornata fir-rigward*"[13]. Dan il-kejl tal-aħħar huwa wieħed oġġettiv u fl-istħarriġ tiegħu "*wieħed għandu jara kif kien jeżerċità l-mezzi tiegħu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost għandu t-tabib partikolari*"[14];

18. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li filwaqt huwa minnu li l-espert mediku Swain ikkonkluda li l-appellant Katrich ma kienx negliġenti fil-qadi ta' dmirijietu u dan fuq il-bażi ta' dak li xehdet ir-radjologa Dr. Salvina Zrinzo[15], u sewwasew li mir-ritratti li hija rat, hija kienet probabbilment tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha Dr. Katrich[16], l-appellanti xorta waħda ma jistgħux jaħarbu mill-fatt li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha rapport tal-espert mediku addizzjonali (Dr. Godfrey Sant) li wera biċ-ċar kif l-appellant Katrich mhux biss wasal għal ġudizzju żbaljat, iżda wasal ukoll għal dak il-ġudizzju għaliex naqas milli jistħarreġ il-każ tal-attriċi b'dik l-attenzjoni u l-grad ta' ħila li hija mistennija minn kull radjologu tal-affari tiegħu li għandu għarfien

[13] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Phyllis sive Pina Abela et. v. Dr. Mario Tabone et.*** deċiża fil-**25 ta' Ġunju, 2019** (App. Ċiv. 880/1998) §19.
[14] Ara ***Rose Gauci et. v. Mr. Donald Felice et.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Ottubru, 2008** (App. Ċiv. 1311/1999/2).
[15] Ara l-konklużjoni ta' Dr. Charles Swain, f'paġna 64 tal-proċess.
[16] *Ibid.* Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr. Salvina Zrinzo, f'paġna 59 tal-proċess.

ordinarju fuq is-suġġett u li jżomm ruħu aġġornat mal-prattiċi l-aktar aġġornati fil-qasam li jipprattika fih;

19. Għalkemm l-appellanti qegħdin jikkritikaw qatta bla ħabel il-konklużjonijiet tal-espert mediku addizzjonali, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tistrieħ fuq il-fehmiet tekniċi ta' dan l-espert u mhux fuq dawk tal-ewwel espert li nħatar. Filwaqt li huwa magħruf sewwa li, f'każijiet ta' din ix-xorta, il-fehmiet tekniċi tal-esperti mediċi tal-Qorti jiksbu importanza qawwija[17], il-Qorti tosserva li, bil-kuntrarju ta' dak li qed jgħidu l-appellanti, mir-rapport tal-espert mediku addizzjonali, mhux biss jidher li Dr. Sant ħa qies tar-rapport ta' Dr. Katrich, tant li rrefera għalih[18], iżda fuq kollox, sejjes il-konklużjonijiet tiegħu fuq <u>l-istess xbihat</u> li l-appellant Katrich kellu quddiemu meta għadda għall-ġudizzju professjonali tiegħu[19]. Jirriżulta li mill-istħarriġ ta' dawk l-istampi, Dr. Sant seta' jinnota żewġ żbalji 'ħoxnin' li twettqu mill-appellant Katrich waqt l-interpretazzjoni li ta tar-riżultat tal-'*ultrasound*' li kien sar fuq il-persuna tal-appellata. Dak tal-ewwel huwa li fir-ritratti li Dr. Katrich kellu quddiemu ma kienet tidher l-ebda traċċa ta' "*a thickened gall bladder wall*"[20], filwaqt li dak tat-tieni huwa li d-dellijiet ('*echogenic shadows*') li Dr.

---

[17] Ara ***Carmen sive Charmaine Ebejer v. Dr. Ivan Vella et.***', deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' April, 2013 (Ċit. 1957/1997/1MCH) (mhux appellata).

[18] Ara r-rapport tal-espert mediku addizzjonali, Dr. Godfrey Sant, f'paġna 111 tal-proċess.

[19] Fir-rapport tiegħu, l-espert mediku addizzjonali fisser li "*I have examined the record of the ultrasound examination which was carried out on the 4th October 2014*". *Ibid*. f'paġna 110 tal-proċess.

[20] Dwar dan, l-espert mediku addizzjonali kiteb li: *"The images show echogenic areas with distal attenuation of the ultrasound beam but no image of the gall bladder was present. To diagnose a contracted gall bladder the wall of the gall bladder would have to show up as a thickened structure of more than 3 mm in thickness as 3 mm thickness is normal and 4mm or 5mm*

Katrich fixkilhom ma' ġebel fil-marrara, kienu wisq twal sabiex setgħu jitqiesu bħala ġebel fil-marrara, u dan għaliex meta jkun hemm dik il-kundizzjoni, il-ġebel ikunu aktar ikkonċentrati f'post wieħed milli mifruxa fit-tul[21]. Huwa fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, u mhux fid-dawl tal-għarfien li huwa kellu dwar il-każ, li l-espert mediku addizzjonali wasal għall-fehma li l-ġudizzju tal-appellant Katrich kien żbaljat[22]. Mhuwiex għalhekk sewwa li l-appellanti qegħdin jixlu lil Dr. Sant b'nuqqas ta' oġġettività, u dan aktar u aktar meta dawn mank biss indenjaw li, waqt li kienet miexja l-kawża fl-ewwel istanza, itellgħuh b'xhud tagħhom f'eskussjoni;

20. Hekk ukoll m'huwa xejn minnu li Dr. Sant ma qalx li kellhom jitwettqu testijiet oħrajn jew inkella x'kien jagħmel hu li kieku huwa sab ruħu fl-istess ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-appellant Dr. Katrich. Tassew, li kieku l-appellanti qraw ir-rapport ta' Dr. Sant sal-aħħar, kienu forsi jintebħu, li dan ikkonkluda li, fiċ-ċirkustanzi, il-konklużjoni fir-rapport tat-test tal-'*ultrasound*' kellha tkun: "***The gall bladder was not seen with certainty and further examinations suggested***"[23]. Kien sewwasew fuq

*thickness would be the thickness of a shrunken gall bladder.* ***In the images that I saw there is no trace of a thickened gall bladder wall****."* (enfasi miżjuda mill-Qorti). *Ibid.* f'paġna 110 tal-proċess.

[21] Dwar dan, l-espert mediku addizzjonali fisser li: *"Also the length of the lineup of the echogenic shadows is too long and one would expect that in a contracted gallbladder the stones would be more crowded and not spread over a long distance." Ibid.* f'paġna 110 tal-proċess.

[22] *Ibid*. f'paġna 111 tal-proċess.

[23] *Ibid*. f'paġna 111 tal-proċess. Dwar dan Dr. Sant kiteb li: *"In view of the above the conclusion of a "Chronic calculus cholecystitis" (see Dok. A attached to the sworn application) was wrong. The report should have been: The gall bladder was not seen with certainty and further examinations suggested".*

is-saħħa ta' din il-fehma professjonali tal-espert mediku addizzjonali, li huwa wkoll radjologu, li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant Dr. Katrich kellu problema biex jara l-marrara tal-attriċi u li, fiċ-ċirkostanzi, dan ma messu qatt azzarda li jasal għall-konklużjoni inekwivoka li wasal għaliha u, minflok, kellu jirrakkomanda li jsiru testijiet oħrajn fuq l-attriċi qabel ma jsirilha l-intervent kirurġiku[24]. Fuq kollox, l-espert mediku Dr. Charles Swain ukoll wera l-fehma li: "*jidher li Dr. Katrich kien sab diffikultà biex jinterpreta l-ultrasound waqt li kien qed jeżamina lil Ms. Bilocca*"[25]. Mhuwiex għalhekk il-każ li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha minn żniedha u b'hekk, hawnhekk ukoll, il-kritika min-naħa tal-appellanti lejn is-sentenza appellata mhijiex mistħoqqa;

21. Il-Qorti lanqas ma tqis li l-appellanti jistgħu jsibu xi kenn fir-riferenzi li hemm fl-atti tal-kawża għal-letteratura medika f'dan il-qasam. Kuntrarjament għal dak li qed jgħidu, minn dik il-letteratura jirriżulta li huwa tabilħaqq possibbli għall-professjonist li jagħmel dijanjosi tal-kundizzjoni medika hekk magħrufa bħala '*agenesis*'[26] tal-marrara, u dan anke <u>qabel</u> ma jsir intervent kirurġiku. Tassew, fir-rapport tal-espert mediku Dr. Charles Swain, issir referenza għal artikolu bl-isem ta' '*Gall Bladder Agenesis and Cystic Duct Absence in an Adult Patient*

[24] Ara paġna 27 tas-sentenza appellata, f'paġna 238 tal-proċess.
[25] Ara r-rapport tal-espert mediku Dr. Charles Swain, f'paġna 64 tal-proċess.
[26] L-aġenesi tiġri meta organu fil-ġisem tal-bniedem jibqa' ma jiżviluppax sa mit-twelid minħabba nuqqas tat-tessut essenzjali ta' dak l-organu.

*Diagnosed by Magnetic Resonance Cholangiography, etc*'[27] li fih ġie rrappurtat kif fl-2009, tabib fl-Università ta' Ruma għamlet dijanjosi tal-kundizzjoni ta' '*agenesis*' tal-marrara b'tagħmir imsejjaħ bħala '*Magnetic Resonance Cholangiopancreatography*', u dan mingħajr ma l-pazjent kellu l-ħtieġa ta' xi intervent kirurġiku[28]. Filwaqt li dan ġie wkoll ikkonfermat mir-radjoloġista Dr. Salvina Zrinzo li, waqt ix-xhieda tagħha, qalet li "***[j]ekk, qabel l-operazzjoni jkun hemm dubju li ma hemmx marrara wieħed jista' jirrikorri għal investigazzjonijiet oħra bħal MRCP - Magnetic Resonance Cholangiopancreatography'***[29], l-espert mediku Swain ukoll kien stqarr li "***[i]dejalment hekk għandha ssir id-dijanjosi ta' din il-kundizzjoni u din il-proċedura tista' ssir fl-isptar Mater Dei***"[30]. Ma huwa għalhekk xejn minnu, kif jgħidu l-appellanti, li l-kundizzjoni ta' '*agenesis*' tal-marrara tista' tinstab biss wara li jsir intervent kirurġiku li fih il-marrara ma tinstabx;

22. F'dan il-qafas, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellanti meta jisħqu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonkludi li l-appellant Katrich kien traskurat f'għemilu u li ma mexiex skont il-pratiki tal-professjoni. Fir-rapport tal-kirurgu Anthony Zammit, li l-appellanti stess qegħdin ukoll jirreferu għalih, insibu li "***[a]genesis of the gall-bladder should be***

[27] V. Fiaschetti et. al. *'Gall Bladder Agenesis and Cystic Duct Absence in an Adult Patient Diagnosed by Magnetic Resonance Cholangiography, etc',* Case Reports in Medicine, Vol. 2009, Article ID 674768.
[28] Ara r-rapport ta' Dr. Charles Swain, f'paġni 63 – 4 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda ta' Dr. Salvina Zrinzo, f'paġna 60 tal-proċess.
[30] Ara r-rapport ta' Dr. Charles Swain, f'paġna 64 tal-proċess.

***highly suspected when the gall-bladder is not visualised on ultrasound** or at laparoscopy done on a misinterpreted ultrasound*"[31]. Għall-Qorti, din il-fehma, flimkien mal-osservazzjonijiet li diġà saru, juru kif minkejja li l-kundizzjoni li għandha l-attriċi hija tassew waħda rari, dan ma jfissirx li ma teżistix, u li ladarba l-appellant Katrich innifsu stqarr li kien jaf bl-eżistenza tagħha[32], l-għaqal kien jitlob li huwa ma jeskludihiex kif ġieb u laħaq, speċjalment meta jidher li r-riżultat tal-'*ultrasound*' ma kienx daqstant ċar, anke għall-istess appellant, tant li huwa staqsa lill-attriċi jekk kinitx għamlet l-operazzjoni li biha neħħiet il-marrara[33]. Fil-fehma tal-Qorti, mistoqsija bħal din ma kinitx ser issir li kieku dak li kien qed jidher fuq l-'*ultrasound*' kien ċar, u meta wieħed iqis dan kollu fil-qafas tal-fatt li mir-rapport tal-espert mediku addizzjonali rriżulta li l-appellant Katrich kellu biżżejjed indikazzjonijiet quddiemu li mil-lat <u>oġġettiv</u> kellhom iwassluh għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha[34], il-Qorti jidhrilha li Dr. Katrich ma qiesx kif imiss il-każ li kellu quddiemu u għalhekk ma jistax jaħrab mir-responsabbiltà għall-konsegwenzi ta' għemilu;

23. L-ilmenti kollha tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' responsabbiltà tal-appellant Katrich qegħdin għalhekk jiġu <u>**miċħuda**</u>;

***B. L-Ilmenti Dwar is-Sejbien ta' Responsabbiltà min-naħa tat-***

[31] Ara r-rapport ta' Dr Anthony Zammit, 'Dok. B', f'paġna 7 tal-proċess.
[32] Ara x-xhieda ta' Dr. Katrich, f'paġna 55 tal-proċess.
[33] Ara l-affidavit ta' Amanda Bilocca, f'paġna 36 tal-proċess.
[34] Ara §19, *supra*

***Tabib Prinċipali tal-Gvern***

24. Ilment ieħor ewlieni min-naħa tal-imħarrkin huwa mbagħad dwar is-sejbien tar-responsabbiltà sa fejn għandu x'jaqsam it-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

25. Dwar dan, l-appellanti qegħdin itennu l-istess argumenti li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u sewwasew li ġaladarba l-attriċi qed tattakka l-aġir professjonali u l-eżerċizzju diskrezzjonali min-naħa tal-appellant Katrich, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern ma jistax u m'għandux jinstab responsabbli għat-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni. Jargumentaw li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern kien ikun responsabbli għad-danni li kieku ntwera li l-appellant Katrich ma kienx kwalifikat biex iwettaq it-test li għamel, jew inkella li kien hemm xi tagħmir nieqes jew ma jaħdimx tajjeb. Iżidu li t-tmexxija tal-Isptar bl-ebda mod ma xekklet lill-appellant Katrich milli jieħu d-deċiżjoni t-tajba u li r-relazzjoni ta' bejn it-tabib u l-pazjent hija differenti minn dik ta' bejn il-pazjent u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern. Ifissru li r-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar hija li jipprovdi strutturi, tagħmir u impjegati li jkunu mħarrġa fil-qadi ta' dmirijiethom, però huwa mbagħad fir-responsabbiltà tal-professjonist li jwettaq dmirijietu u jipprattika l-professjoni tiegħu skont il-prassi medika u xjentifika applikabbli fil-qasam li fih huma speċjalizzati;

26. Fil-fehma tal-Qorti, l-ebda wieħed mill-argumenti tal-appellanti ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tal-appellant Tabib Prinċipali tal-Gvern. Huwa mifhum li n-natura tal-azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha, u li dawn tal-aħħar joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża[35]. Minn qari xieraq tar-rikors maħluf, u partikolarment mill-ħames u s-sitt premessi, jidher ċar biżżejjed li l-attriċi qed tfittex lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern fuq ix-xilja li l-operazzjoni li saret fuqha għal xejn b'xejn, seħħet minħabba nuqqas professjonali, neliġenza, imprudenza u traskuraġni mill-impjegati tiegħu u li, minħabba f'hekk, huwa għandu jagħmel ukoll tajjeb għad-danni li ġarrbet. Fil-fehma tal-Qorti, xilja bħal din mhija xejn għajr dik fuq il-bażi ta' *'culpa in eligendo'*;

27. Ir-responsabbiltà fuq is-sies tal-'*culpa in eligendo*' mhijiex dejqa bil-mod ta' kif qed ifissruha ħażin l-appellanti. Tabilħaqq huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-'*culpa in eligendo*' ma tiqafx mal-ġudizzju li jsir fil-mument tal-ingaġġ, iżda timplika wkoll li "***l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa' hija responsabbli wkoll, jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b'negliġenza u nuqqas ta' ħila***"[36]. L-argumenti tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern, li Dr. Katrich tqabbad jagħmel xogħol li kellu l-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa sabiex ikun jista' jwettqu, mhumiex

---

[35] Ara ***Phyllis sive Pina Abela et. v. Dr Mario Tabone et.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Ġunju, 2019** (Ċit. Nru. 880/1998/1) §16.
[36] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Carmel Spiteri et*** deċiża fl-**24 ta' Ġunju 2021** (App. Ċiv. 1230/2010/1).

għalhekk biżżejjed biex jeħilsu lill-istess appellant Tabib Prinċipali tal-Gvern mir-responsabbiltà għad-danni fuq il-bażi ta' *culpa in eligendo*;

28. F'dan il-każ, m'hemmx kontestazzjoni li l-appellant Katrich wettaq l-iżball waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu ta' radjologu fl-Isptar *Mater Dei* u b'hekk bħala professjonist li, fl-aħħar mill-aħħar jirrispondi lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, bħala l-Kap tad-Dipartiment tas-Saħħa. F'ċirkustanzi bħal dawn, u speċjalment fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti għadha kif tikkonferma li Dr. Katrich wettaq dmirijietu b'negliġenza, il-Qorti jidhrilha li t-Tabib Prinċipali tal-Gvern għandu tabilħaqq jinstab solidalment responsabbli flimkien ma' Dr. Katrich[37];

29. L-ewwel erba' aggravji li huma lkoll dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà min-naħa tal-appellanti Katrich u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, qegħdin għalhekk jiġu **<u>miċħuda</u>** għal kollox;

### *Ċ. L-Ilment dwar l-Eżistenza tad-Dannu*

30. Imiss issa li nistħarrġu l-**aħħar aggravju** tal-imħarrkin li bih jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida xi danni għaliex ma tressqux provi li jissostanzaw dik il-pretensjoni;

---

[37] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***GO p.l.c. v. Angelo Schembri et*** mogħtija minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023**, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija. (App. Ċiv. 1017/2014/1), §§ 41 – 42

31. F'dan ir-rigward, l-appellanti qed jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillikwida xi tip ta' danni, u dan għaliex qed jgħidu li l-attriċi appelata ma rnexxilhiex tipprova li qed tiġi mxekkla milli tagħmel dak kollu li hija kienet tagħmel qabel l-intervent kirurġiku li qed tilmenta dwaru. Jissottomettu li, għall-kuntrarju, hemm provi li juru kif l-attriċi mhux biss qed tgħix ħajja normali, iżda wkoll seħħilha ttejjeb id-dħul tagħha wkoll wara li sarilha l-intervent kirurġiku li ħallielha l-merk li baqa' jidher fuq żaqqha. Skond l-appellanti dan ikompli juri kif il-merk li baqa' wara dan l-intervent kirurġiku m'affetwa lill-attriċi bl-ebda mod negattiv u mhux qiegħed iżommha milli tagħmel xi attività. Jissottomettu li, skond l-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi sabiex persuna tkun tista' tingħata d-danni, hija "*t-telf effettiv*" li, fi kliemhom, huwa nieqes għal kollox f'dan il-każ. Itennu li f'dan il-każ, mhux talli l-attriċi rnexxielha żżid d-dħul tagħha, iżda wkoll għamlet ċertu bidliet radikali f'ħajjitha bħal pereżempju biddlet id-dar u xtrat tarbija, li fihom infushom iġibu magħhom ċertu piżijiet tal-ħajja, u li jkomplu juru kif l-appellata ma ntlaqtitx b'mod negattiv bl-operazzjoni li qiegħda tallega li kkawżatilha diżabiltà. Jargumentaw li b'hekk l-attriċi lanqas ma jistħoqqilha tingħata xi danni għat-telf ta' qligħ (*lucrum cessans*) u dan aktar u aktar meta, wara l-operazzjoni, hija bdiet taqla' aktar flus milli kienet iddaħħal qabel;

32. Jissoktaw billi jilmentaw li lanqas ma jista' jingħad li l-attriċi

appellata ġarrbet xi diżabiltà psikika li qiegħda b'xi mod tnaqqsilha l-kapaċità li taħdem, jew inkella li qed taffettwalha l-ħajja tagħha ta' kuljum. F'dan ir-rigward jixlu lill-attriċi li qed tipprova tpinġi sitwazzjoni li mhijiex veritjiera u jirreferu għad-daħla tar-rapport tal-esperta addizzjonali Dr. Mary Joan Camilleri biex jargumentaw li t-testijiet imwettqa minnha juru biss l-istat tal-kundizzjoni psikoloġika tal-attriċi fid-data tal-eżami u li għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom biex juru l-impatt li l-merk seta' ħalla fuqha u fuq ħajjitha. Fuq is-saħħa ta' hekk, jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li jekk l-attriċi kienet qed tbati minn xi forma ta' dipressjoni jew ansjetà, din kienet kawża tal-intervent kirurġiku u mhux minħabba fatturi oħrajn tal-ħajja, bħal pereżempju l-fatt li l-attriċi kellha tarbija u li ċaqalqet ir-residenza tagħha għal ġewwa dar oħra, li fihom infushom jistgħu jikkawżaw kemm dipressjoni kif ukoll ansjetà. Iżidu li, mir-rapport ta' Dr. Mary Joan Camilleri, ħareġ ukoll li l-attriċi lanqas biss qatt ħasset il-bżonn li tfittex l-għajnuna medika, u dan għaliex deherilha li l-pilloli mhumiex ser ikunu ta' għajnuna għat-tiġrib emozzjonali tagħha. B'ton kemmxejn ironiku, l-appellanti jagħtu wkoll x'wieħed jifhem li l-attriċi mhijiex ser tħossha emozzjonalment aħjar jekk tingħata kumpens monetarju, u jagħlqu billi jtennu li l-attriċi qed tipprova tapprofitta minn dak li ġralha;

33. Il-Qorti tistqarr li hija pjuttost imħassba b'dawn l-argumenti u dan għaliex, minbarra li huma manifestament infondati, huma wkoll insensittivi

għall-aħħar għat-tbatija u l-ħsara li l-attriċi ġarrbet, wara kollox bi ħtija tagħhom;

34. Mil-lat fattwali kemm l-espert mediku Charles Swain, kif ukoll l-espert addizzjonali Dr. Duncan Aquilina, ikkonstataw li l-intervent kirurġiku li wassal għal din it-tiwlima, ħalla fuq in-naħa tal-lemin taż-żaqq l-attriċi merk twil qrib tmintax-il ċentimetru[38]. Meta jiġi kkunsidrat id-daqs ta' dan il-merk flimkien mal-fatt li huwa wieħed "*ta' natura permanenti u ser tibqa' tidher sew*"[39], il-Qorti tqis li l-merk riżultanti mill-intervent kirurġiku li sar fuq l-appellata mhuwiex xi wieħed insinifikanti jew li ma jolqotx l-għajn. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li kemm il-perit legali kif ukoll l-esperti addizzjonali għandhom raġun meta jgħidu li dak il-merk iwassal għal debilità li ma tgħaddix fuq il-ġisem tal-attriċi appellata[40], u dan għaliex wara kollox il-ġilda hija wkoll parti mill-ġisem tal-bniedem. Żgur li għalhekk ma jistax jingħad li, mill-att fiżiku, m'hemmx xi prova tad-debilità permanenti li l-attriċi ġarrbet b'konsegwenza tal-intervent kirurġiku li sarilha fuq żaqqha għal xejn b'xejn fuq dijanjosi ħażina tal-appellant Katrich;

35. Daqstant ieħor li ma jistax jingħad li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li l-intervent kirurġiku wassalha biex ġarrbet ħsara psikoloġika. Filwaqt li

[38] Ara: (i) ir-rapport tal-eżami mediku ta' Dr. Charles Swain f'paġna 62 tal-proċess, u (ii) ir-rapport ta' Dr. Duncan Aquilina f'paġna 112 tal-proċess.
[39] Silta meħuda mir-rapport ta' Dr. Charles Swain, f'paġna 64 tal-proċess.
[40] Ara l-konsiderazzjonijiet tal-perit tekniku f'parti 'C.1' tar-rapport, f'paġni 111 u 112 tal-proċess.

huwa tassew minnu li, fid-daħla tar-rapport tagħha, Dr. Joan Camilleri qalet li: "*[t]hese tests give a snapshot of Ms Bilocca's psychological condition at the time of testing rather than a before and after picture and in that sense are limited in determining the precise extent of the impact of the scar on Ms Bilocca's life function*"[41], il-Qorti rat li l-appellanti konvenjentement ħallew barra s-sentenza li tiġi wara l-biċċa li għażlu li jiċċitaw u li fiha l-imsemmija Dr. Camilleri qalet li: "***[t]o compensate for this*, as far as I could, I carried out a detailed clinicat interview and Life Events Checklist**"[42]. Lil hemm minn dan, il-Qorti tqis li, fl-aħħar mill-aħħar, dak li jħoll u jorbot kollox huwa dak li ntqal minn Dr. Camilleri fil-konklużjoni tar-rapport tagħha u sewwasew li, fil-fehma professjonali tagħha, l-attriċi ġarrbet diżabbiltà permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) u dan "in ***respect of the psychological consequences suffered as a result of the operation of the 10th December, 2010***"[43];

36. Għalkemm huwa minnu li din il-Qorti mhijiex marbuta bil-fehma ta' Dr. Camilleri, il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ il-Qorti tkun imprudenti li kieku jkollha twarrab din il-fehma teknika, fuq ir-raġunjijiet miġjuba mill-appellanti, li huma sajma għall-kollox mill-għarfien tekniku bħalma għandha Dr. Camilleri. Wara kollox, il-provi li hemm fl-atti jsaħħu l-konklużjonijiet ta' Dr. Camilleri u mhux imeruhom. Pereżempju, mill-

[41] Silta meħuda mid-daħla ta' parti *'C.3 Findings of Dottsa. Joan Camilleri concerning the psychological aspect'* tar-rapport tal-esperti addizzjonali, f'paġna 113 tal-proċess.
[42] *Ibid.*
[43] Ara l-konklużjonijiet ta' Dr. Joan Camilleri, f'paġna 116 tal-proċess.

affidavit tal-attriċi[44] u dak ta' żewġha[45], jidher li l-intervent kirurġiku tassew ħalla konsegwenzi psikoloġiċi koroh fuq l-attriċi. La l-attriċi u lanqas żewġha ma ġew kontroeżaminati dwar dak li stqarrew fl-affidavit u, fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma tarax li għandha b'xi mod jew ieħor titbiegħed mill-ġudizzju professjonali ta' Dr. Camilleri. Anke mil-lat psikoloġiku d-danni ġew għalhekk ukoll ippruvati;

37. Ġaladarba l-attriċi seħħilha tipprova kemm ir-responsabbiltà tal-imħarrkin kif ukoll id-dannu li hija ġarrbet bi ħtija tagħhom, l-attriċi jistħoqqilha li tingħata kumpens għal dawk id-danni msemmija fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li, bil-kontra tal-impressjoni li qed jippruvaw jagħtu l-appellanti, ma jinkludux biss "*it-telf effettiv*" iżda wkoll "*it-telf ta' qligħ*" li l-parti mġarrba "*tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil jista' jġib*"[46]. La darba l-attriċi seħħilha tipprova d-diżabbiltà li ma tgħaddix li ġarrbet b'konsegwenza tal-intervent kirurġiku li sarilha għal xejn b'xejn, hija jistħoqqilha kumpens tal-*lucrum cessans* u dan irrispettivament mill-fatt li, wara l-operazzjoni, hija xorta waħda baqgħet taħdem u li, skond l-imħarrkin, rat anke żieda fid-dħul tagħha. Tassew, intqal kemm-il darba minn din il-Qorti li "*il-fatt li persuna tibqa' impjegata wara l-inċident u saħansitra tibda tirċievi salarju akbar ma jtellifhiex mill-jedd li xorta titlob għat-telf ta' qligħ minħabba d-diżabbiltà*

[44] F'paġni 36 sa 38 u 122 sa 123 tal-proċess.
[45] F'paġni 39 sa 40 tal-proċess.
[46] Siltiet meħuda mill-Artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*permanenti li tkun ġarrbet*"[47]. L-ilmenti tal-imħarrkin lanqas għalhekk ma jsibu xi kenn fil-ġurisprudenza u, tħares minn fejn tħares, jirriżulta li l-aħħar aggravju ma jistax ikun ta' fejda għalihom;

38. L-appell ewlieni tal-imħarrkin qiegħed għalhekk jiġi **<u>miċħud għal kollox</u>**;

***D. L-Appell Inċidentali tal-Attriċi***

39. Jifdal biss li l-Qorti tqis l-appell inċidentali tal-attriċi li huwa dwar l-ammont tad-danni likwidati favuriha fis-sentenza appellata;

40. Sa fejn għandha x'taqsam id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-*damnum emergens,* l-attriċi qed tilmenta mill-fatt li s-sentenza appellata tatha biss is-somma ta' ħamsa u erbgħin ewro (€45) li jirrappreżentaw in-nefqa ta' żjara medika għand il-konsulent kirurġiku tagħha, filwaqt li ma ngħatat l-ebda kumpens għan-nefqiet li ħarġet għax-xiri tal-mediċini li dwarhom tgħid li ressqet prova permezz tal-irċevuti li hija ressqet fl-atti. Għalkemm tammetti li dawn il-kopji mhumiex daqstant ċari, l-attriċi tisħaq li dawn huma indikattivi u jagħtu informazzjoni ċara ta' dak li nxtara u għaliex. Iżżid li dawn l-ispejjeż, li ma ġewx kontestati mill-

---

[47] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-**15 ta' Ġunju, 2023**, fil-kawża fl-ismijiet' ***Trevor Grech v. Lawrence Agius (***App. Ċiv. 1030/2013/1), §50. Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Josef Farrugia v Thomas Tanti*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-**7 ta' Lulju, 2004** (Ċit. Nru. 1583/2001/1TM) (mhux appellata).

imħarrkin, huma wkoll korroborati miċ-ċertifikat mediku 'Dok AB6'[48] li, fi kliemha, huwa *'Discharge Note'* maħruġa mill-iSptar *Mater Dei* u li fih hemm murija l-'kura mogħtija' u l-'pariri' tal-mediċini preskritti wara l-intervent;

41. Dwar il-kalkolu tal-*lucrum cessans*, l-attriċi mbagħad tilmenta li fil-kalkolu tad-dħul tagħha, l-Ewwel Qorti kellha tieħu qies tal-medja tad-dħul min-negozju li tgħid li bdiet ma' żewġha fl-2010 u li hija xehdet li tieħu ħsieb tal-amministrazzjoni tiegħu. Tfisser li, bejn l-2012 u l-2014, il-medja tad-dħul minn dan in-negozju kienet ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) u tissottometti li, fil-kalkolu tal-medja tad-dħul tagħha, l-Ewwel Qorti kellha tieħu is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€27,500), li tirrappreżenta nofs il-qligħ minn dan in-negozju u dan peress li l-istess negozju huwa tagħha u ta' żewġha. Tagħlaq billi tgħid li l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* għandha tinħadem hekk kif stabbilit fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***'Emmeline Cini v. Antoine Cachia',*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, u, f'dan ir-rigward, tistampa l-istess komputazzjoni li pproponiet lill-Ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[49];

42. Il-Qorti, wara li għarblet l-ilmenti tal-attriċi fid-dawl ta' dak li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas tat-tweġiba tal-imħarrkin, tqis li la hemm lok li jkun

[48] F'paġna 129 tal-proċess.
[49] Ara n-nota ta' sottomssjonijiet ta' l-attriċi f'paġna 156 tal-proċess.

hemm xi tibdil fil-likwidazzjoni tad-*damnum emergens* u wisq anqas fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*;

43. Sa fejn għandha x'taqsam il-likwidazzjoni tad-*damnum emergens,* il-Qorti tqis li l-kopji tal-irċevuti li qed tirreferi għalihom l-attriċi[50] la ġew iċċertifikati bħala vera kopja tal-oriġinal u wisq anqas ma huma kkonfermati bil-ġurament. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, dawk l-irċevuti ma jurux x'kienu l-oġġetti mixtrija u għal min inxtraw[51] u għalhekk din il-Qorti ma tħossx li l-attriċi seħħilha tipprova li hija ġarrbet it-telf muri fuq dawk id-dokumenti. Il-Qorti rat ukoll li, minkejja li l-attriċi ressqet żewġ affidavit[52], hija naqset għal kollox milli tagħmel imqar l-iċken referenza għall-irċevuti li hija ressqet fl-atti tal-kawża[53] jew inkella dwar n-nefqiet li issa qed tgħid li kellha toħroġ għall-mediċini. Fl-aħħar nett, il-Qorti lanqas ma taqbel mal-attriċi li l-ispejjeż murija fuq l-irċevuti huma korroborati biċ-ċertifikat mediku li qed tirreferi għalih. Iċ-ċertifikat mediku li qed tirreferi għalih l-attriċi (Dok AB6)[54] mhuwiex id-'*discharge note*' li nħarġet lill-attriċi wara l-intervent kirurġiku tal-10 ta' Diċembru 2010, iżda huwa dwar episodju ieħor li seħħ fl-24 ta' Ottubru, 2014, u għalhekk madwar erba' snin wara l-intervent kirurġiku li wassal għal din it-tilwima. L-ebda waħda mill-irċevuti li tressqu fl-atti tal-kawża ma jirreferu għas-sena 2014, u għalhekk id-'*discharge note*' li qed tirreferi għaliha l-attriċi lanqas ma tista'

[50] Ara 'Dok AB1', f'paġni 16 sa 18 tal-proċess.
[51] Ara paġna 29 tas-sentenza appellata, f'paġna 240 tal-proċess.
[52] F'paġni 36 sa 38 u 122 sa 123 tal-proċess.
[53] 'Dok AB1', f'paġni 16 sa 18 tal-proċess.
[54] F'paġna 129 tal-proċess.

b'xi mod jew ieħor tikkorrobora n-nefqiet murija fil-kopja tal-irċevuti (Dok. AB1)[55];

44. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ilmenti dwar il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans,* il-Qorti tibda billi tosserva li, fil-komputazzjoni proposta mill-attriċi, l-attriċi stess qed taqbel li: (i) l-'*multiplier*' għandu jkun dak ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, (ii) il-perċentwali tad-debilità globali għandu jkun dak ta' ħamsa fil-mija (5%), (iii) filwaqt li l-'*lump sum deduction*' għandha tkun ta' għaxra fil-mija (10%): eżatt skont kif qisithom u ħadmithom l-Ewwel Qorti. L-aspett waħdieni tal-likwidazzjoni li mhux taqbel dwaru l-attriċi huwa għalhekk dwar il-medja tal-paga li fuqha nħadmu d-danni fis-sentenza appellata;

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-attriċi ma tistax tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tieħu qies tal-profitti min-negozju li qed tirreferi għalih. Għalkemm huwa minnu li l-attriċi ma ġietx kontradetta li hija tagħti sehemha f'dak in-negozju u dan billi tmidd idejha fit-tmexxija tiegħu, din il-Qorti hija tal-istess fehma bħall-Ewwel Qorti li l-attriċi ma tistax tippretendi li d-dħul tagħha huwa ekwivalenti għall-medja ta' nofs il-qligħ minn dak in-negozju. Ir-rendikonti dwar id-dħul minn dak in-negozju huma kollha f'isem ir-raġel tagħha Emilio Bilocca, u isem l-attriċi ma jidher imkien[56]. Bl-istess mod, id-dikjarazzjoni tal-kontabbli Chris Baldacchino,

[55] F'paġni 16 sa 18 tal-proċess.
[56] Ara 'Dok AB1', 'Dok AB2, u 'Dok AB3', f'paġni 124 sa 126 tal-proċess.

hija wkoll indirizzata biss lejn Emilio Bilocca[57] u għalhekk huwa bil-wisq ċar li d-dħul kollu min-negozju li qed tirreferi għalih l-attriċi huwa ta' żewġha u mhux tagħha;

46. B'żieda ma' dak li għadu kif qed jingħad, il-Qorti tqis ukoll li, bil-kontra ta' dak li qed tgħid l-attriċi, meta ġiet biex tikkalkula l-medja tal-paga tagħha, l-Ewwel Qorti ma mxietx fuq is-somma ta' mija u sebgħin ewro (€170) fil-ġimgħa, iżda ħadet ukoll qies tal-kontribut li hija kienet qiegħda tagħti fin-negozju tar-raġel tagħha: tant li kkunsidrat li bix-xogħol kollu li kienet qed tagħmel, kien ħaqqha multiplikand ta' madwar sittax-il elf ewro (€16,000) fis-sena[58]. Jirriżulta wkoll li, fil-kejl tal-paga medja tal-attriċi, l-Ewwel Qorti ħadet ukoll qies tal-fattur tal-għoli tal-ħajja u, kemm hu hekk, wara li qieset kollox, l-Ewwel Qorti ħadmet il-*lucrum cessans* fuq il-bażi tas-somma ta' €16,605.60 fis-sena[59]. Fil-fehma tal-Qorti, din il-figura hija pjuttost ġeneruża, speċjalment meta jiġi kkunsidrat li, mill-kopji tal-FS3 li jinsabu fl-atti u li huma f'isem l-attriċi[60], jirriżulta li fis-snin 2009 u 2010 l-attriċi kellha dħul medju ta' ħdax-il elf, mitejn u erba' ewro (€11,204) *gross* fis-sena[61];

47. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, l-ilmenti tal-attriċi fl-appell inċidentali tagħha wkoll m'humiex mistħoqqa, u b'hekk l-appell inċidentali qiegħed

---

[57] Ara 'Dok AB4', f'paġna 127 tal-proċess.
[58] Ara paġna 38 tas-sentenza appellata, f'paġna 249 tal-proċess.
[59] Ara l-aħħar paragrafu f'paġna 39 tas-sentenza appellata, f'paġna 250 tal-proċess.
[60] Ara 'Dok AB3', f'paġni 21 sa 25 tal-proċess.
[61] [(10,578+2,784) + 9,046] / 2 = €11,204.00.

jiġi wkoll **<u>miċħud</u>** għal kollox;

***Decide:***

48. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad kemm l-appell ewlieni tal-intimati u kif ukoll l-appell inċidentali tal-attriċi**, u għalhekk qiegħda **<u>tikkonferma għal kollox</u>** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u

**Tordna** li **l-ispejjeż tal-appell ewlieni** għandhom jitħallsu kollha mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern kif ukoll minn Dr. Mukola Katrich u dan solidalment bejniethom, filwaqt li **l-ispejjeż tal-appell inċidentali** għandhom jitħallsu kollha mill-attriċi Amanda Bilocca.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da